MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Numru. 689/2004

**Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Semsi Erhan**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Semsi Erhan ta' 33 sena, bin Merali u Hatice nee' Korkmaz, imwieled Turkija fil-15 ta' Gunju 1970 u residenti 34, Flat 3, The Strand, Gzira u detentur tal-karta tal-identita' numru 380495(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2003 u fis-snin ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-

istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a. B’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ iktar minn LM 4000 liema ammont huwa iktar minn hames mitt lira, billi presenta cekkijiet tal-Bank of Valletta u tal-HSBC lil Borg Cold Stores, ghad-detriment tal-Bank of Valletta, HSBC, Borg Cold Stores u persuni ohra, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta’ Jannar 2005 (esebit a fol. 38 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta’ Jannar 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-14 ta’ Jannar, 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-ammont inkwistjoni thallas lura lill-vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------